MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 48/2003

**Citazzjoni numru 48/2003**

Grazio Galea, Adeodata, Grace, Aloisia u Vincenza, xebbiet; Mary mart Carmelo Galea, Lawrence, Godfrey u Patri Cherubin fis-sekolu Romeo, ahwa Galea; Joseph u Loreto ahwa Galea, Rosa armla ta' Paul Cutajar, Carmela armla ta' Anthony Buttigieg u Loreta armla ta' Joseph Borg, William Cutajar fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju ta' l-imsefrin Maria mart Joseph Rapa, Antoinette mart Francis Grech, Gloria Ward, Joseph, Josephine Abu Baker u Catherine Tajul u Bernardette, xebba, ahwa Cordina, Mary Gauci f'isimha proprju kif ukoll bhala mandatarja ta' hutha msefrin Joseph, Frank, Charles, Michael, Sam, Tony, Gloria u Doris ahwa Gauci; Carmelo Azzopardi, Reverendu Dun Anton Saliba fil-kwalita' tieghu ta' amministratur u prokuratur tal-Opri Missjunarji Pontificji, Martin Xerri f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-imsefrin Rosa mart John Camilleri u Rita armla ta' Eucharist Camilleri, kif ukoll ghan-nom ta' Michael, Joseph, Mary mart John Agius, Alfred, Carmelo

sive Charles u Laurence sive Laurrie ahwa Gauci u ukoll ta' hutu Judith mart Peter Camilleri, Josephne mart Joseph Debono, Edward sive Teddie ahwa Xerri, Victor, Carmela sive Lina armla ta' Carmelo Grima, Loreta mart Consiglio Farrugia u Tanya mart Joseph Vella ahwa Xerri

-vs-

Reverendu Dun Tarcisio Attard f'ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju ta' l-imsefrin Maria mart Joseph Ruggier u Joseph, awha Xerri, kif ukoll fil-kwalita' tieghu ta' esekutur testamentarju tal-mejjet Antonio Galea u Dr Chris Said li b'digriet tal-25 ta' Gunju 2003 gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-wirt gjacenti ta' Loreta Gauci, Carmela Gauci u Antonio Gauci u b'nota ta' l-atturi tal-25 ta' Marzu 2004 il-kawza giet ceduta fil-konfront biss ta' Reverendu Dun Tarcisio Attard proprio u fil-kwalita' tieghu ta' esekutur tal-mejjet Antonio Gauci, kif ukoll fil-konfront ta' l-Avukat Dottor Chris Said fil-kwalita' tieghu ta' kuratur tal-wirt gjacenti ta' Loreta Gauci, Carmela Gauci u Antonio Gauci stante li dawn il-konvenuti rrizulta fil-mori tal-kawza li ma kellhom u ma kienu wirtu ebda sehem mill-fond in divizjoni oggett fil-kawza

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppremettew illi Lorenzo Galea, bin il-mejtin Francesco Galea u Anna nee' Demanuele, miet intestat fis-17 ta' Jannar elf tmien mija u erbgha u sebghin (1874) u ghaldaqstant wirtuh skond il-ligi d-disgha wliedu Filomena mart Salvatore Galea, Carmela, Vincenza u Regina xebbiet, Vincenzo, Antonia mart Francesco Attard, Rosa mart Francesco Galea, Antonio u Lucia mart Salvatore Mifsud fi kwoti ta' nona parti (1/9) indiviza kull wiehed - certifikat tal-mewt u certifikati ta' ricerka dwar testmenti pubblici u sigrieti annessi u markati rispettivament A, B u C.

Illi bintu Regina Galea, bint ukoll ta' Maria nee' Seichel, mietet xebba, intestata u improle fit-tlettax (13) ta' Ottubru elf tmien mija u tmenin (1880) u sehemha mill-eredita' ta'

missierha Lorenzo Galea wirtuh hutha fuq imsemmija - certifikat tal-mewt u certifikati ta' ricerka dwar testmenti pubblici u sigrieti annessi u markati rispettivament D, E u F.

Illi Maria Galea mart 'il fuq imsemmi Lorenzo Galea, bint il-mejtin Luigi Seichel u Regina nee' Mercieca, mietet fis-sittax (16) ta' Mejju elf disa' mija u wiehed (1901), u ghalkemm ghamlet testment li sar fl-atti tan-Nutar Giorgio Cutajar tat-tmintax (18) ta' Frar elf tmien mija u hamsa u disghin (1895) - dokument G, ma nnominat ebda eredi, u ghaldaqstant wirtuha skond il-ligi wliedha sopravissuti Filomena mart Salvatore Galea, Carmela u Vincenza, xebbiet, Vincenzo, Antonia mart Francesco Attard, Rosa mart Francesco Galea, Antonio u Lucia mart Salvatore Mifsud fi kwoti ta' ottava parti (1/8) indiviza kull wiehed - certifikat tal-mewt u certifikati ta' ricerka dwar testmenti pubblici u sigrieti annessi u markati rispettivament H, I u J;

Illi Antonio Galea, iben iehor tal-fuq imsemmija Lorenzo u Maria gia konjugi Galea, miet guvni, intestat, u improle fl-ewwel (1) ta' Jannar elf disa' mija u erbgha u ghoxrin (1924), u s-sehem tieghu wirtuh skond il-ligi hutu sopravissuti fuq imsemmija u t-tfal ta' ohtu Lucia Mifsud hawn taht imsemmija u li mietet fil-hamsa u ghoxrin ta' Jannar elf disa' mija u disgha (1909) - certifikat tal-mewt u certifikati ta' ricerka dwar testmenti pubblici u sigrieti annessi u markati rispettivament K, L u M.

Illi Carmela Galea, bint ohra tal-fuq imsemmija Lorenzo u Maria gia konjugi Galea, mietet xebba fis-sebgha (7) ta' Gunju elf disa' mija u sebgha u tletin (1937) u rregolat is-successjoni taghha b'testment li sar fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo tat-tlettax (13) ta' April elf disa' mija u hamsa u tletin (1935) - dokument N, li in forza tieghu nnominat bhala eredi universali taghha lin-nepputija taghha Regina Galea, xebba, bint Salvatore Galea u Filomena nee' Galea, oht it-testatrici - certifikat tal-mewt u certifikati ta' ricerka dwar testmenti pubblici u sigrieti annessi u markati rispettivament O, P u Q.

Illi Philomela sive Filomena armla ta' Salvatore Galea, bint ohra tal-fuq imsemmija Lorenzo u Maria gia konjugi Galea, mietet intestata fis-sittax (16) ta' Frar elf disa' mija u tnejn u erbghin (1942) u wirtitha skond il-ligi l-unika bint li kellha Regina Galea, xebba, billi iben iehor taghha Patri Bernardinu Galea fis-sekolu Giovanni Galea miet qabel ommu fil-hdax (11) ta' Awissu elf disa' mija u sebgha u tletin (1937) - certifikati tal-mewt u certifikati ta' ricerka dwar testmenti pubblici u sigrieti annessi u markati rispettivament R, S, T u U.

Illi Regina Galea, bint il-mejtin Salvatore Galea u Philomela sive Filomena nee' Galea, mietet xebba, intestata u improle fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Frar elf disa' mija u sitta u sebghin (1976) u ghalhekk wirtuha skond il-ligi l-partijiet fil-kawza - certifikat tal-mewt u certifikati ta' ricerka dwar testmenti pubblici u sigrieti annessi u markati rispettivament V, W u X.

Illi Vincenza Galea, bint ohra tal-fuq imsemmija Lorenzo u Maria gia konjugi Galea, mietet xebba fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar elf disa' mija u hamsa u hamsin (1955), u b'testment taghha li ghamlet fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Awissu elf disa' mija u sitta u erbghin (1946) - dokumenti Y, hija nnominat bhala eredi universali taghha lil Carmela gia mart Carmelo Grima, bint Giusepp Xerri u Giuditta nee' Galea - certifikat tal-mewt u certifikati ta' ricerka dwar testmenti pubblici u sigrieti annessi u markati rispettivament AA, BB u CC.

Illi 'l fuq imsemmija Carmela gia mart Carmelo Grima, mietet fi New South Wales, l-Awstralja, fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru elf disa' mija u disgha u disghin (1999) - dokumenti DD, u b'testment li ghamlet fi New South Wales, l-Awstralja, fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awissu elf disa' mija u sebgha u sebghin (1977) - dokument EE, hija nnominat liz-zewg uliedha u cioe' l-konvenuti Joseph Grima u Mary mart Joseph Ruggier, kif debitament rapprezentati, fi kwoti ndaqs bejniethom. Il-kuntratt ta' traferiment causa mortis tal-mejta Carmela Grima a rigward tal-beni immobiljari li kellha hawn Malta

gie debitament ppubblikat fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Mejju tas-sena elfejn (2000) - dokument FF.

Illi Vincenzo Galea, iben iehor tal-fuq imsemmija Lorenzo u Maria gia konjugi Galea miet fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Awissu elf disa’ mija u tnejn u erbghin (1942) - certifikat tal-mewt u certifikati ta’ ricerka dwar testmenti pubblici u sigrieti annessi u markati rispettivament GG, GGX u GGY u ghalkemm ghamel testment fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci tat-tlieta ta’ Gunju elf disa’ mija u sebgha u tletin (1937) - dokument HH, huwa ma nnomina ebda werrieta u ghaldaqstant wirtuh skond il-ligi s-seba’ uliedu Lawrence li miet fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Frar elf disa’ mija u tnejn u sittin (1962) - dokument II, u wirtu l-unika iben tieghu l-attur Grazio Galea; Joseph li miet guvni, intestat, u improle fl-ewwel (1) ta’ April elf disa’ mija u tnejn u sebghin (1972) - dokument JJ; Antonio li miet improle fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Novembru elf disa’ mija u tnejn u hamsin (1952) - dokument KK, Loreto li miet improle fil-ghaxra (10) ta’ Dicembru elf disa’ mija u sitta u sittin (1966) - dokument LL; Carmelo li miet guvni, intestat, u improle fil-erbgha (4) ta’ Settembru elf disa’ mija u disgha u hamsin (1959) - dokument MM; Carmela li mietet xebba, intestata, u improle fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Settembru elf disa’ mija u erbgha u sebghin (1974) - dokument NN; u Salvatore li miet fis-sittax (16) ta’ Jannar elf disa’ mija u hamsa u sebghin (1975) - dokument OO, u wirtuh uliedu u cioe’ l-atturi Adeodata, Grace, Aloisia, u Vincenza xebbiet, Mary mart Carmelo Galea, Lawrence, Godfrey u Patri Cherubin fis-sekolu Romeo, ahwa Galea.

Illi Michael Attard, l-unika iben tal-mejta Antonia mart Francesco Attard, bint ohra tal-fuq imsemmija Lorenzo u Maria gia konjugi Galea, miet fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Jannar elf disa’ mija u sitta u sittin (1966) - certifikat tal-mewt anness u markat dokument PP, u ibnu Patri Hugh Attard, l-uniku iben li jirrizulta lill-atturi, miet fl-ewwel ta’ Marzu elf disa’ mija u erbgha u disghin (1994) - certifikat tal-mewt anness u markat dokument QQ, u ghaldaqstant stante rinunzja ghall-wirt meta l-Patri ha l-voti solenni,

sehem il-mejta Antonia Attard waqa' ukoll fuq il-partijiet fil-kawza;

Illi Rosa gia mart Francesco Galea mietet fit-tmintax (18) ta' Marzu elf disa' mija u ghaxra (1910) u wirtuha t-tliet uliedha Lorenzo, Maria mart Saviour Cordina, u Giuditta mart Giuseppe Xerri - certifikat tal-mewt u certifikati ta' ricerka dwar testmenti pubblici u sigrieti annessi u markati rispettivament RR, SS u TT;

Illi Lorenzo Galea, iben tal-fuq isemmija Rosa Galea miet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar elf disa' mija u tmienja u sittin (1968) - dokument UU, u wirtuh iz-zewg uliedu u cioe' l-atturi Loreto u Joseph ahwa Galea;

Illi Maria gia mart Saviour Cordina bint, ohra ta' Rosa Galea, mietet fit-tnejn (2) ta' Gunju elf disa' mija u erbgha u sebghin (1974) - dokument VV, u wirtuha wliedha l-atturi Rosa armla ta' Paul Cutajar, Carmela armla ta' Anthony Buttigieg, Loreta armla ta' Joseph Borg, Toni Cordina li miet guvni, intestat u improle fit-tletin (30) ta' Dicembru elf disa' mija u sebgha u sebghin (1977) - dokument WW, u Joseph Cordina li miet f'Cardiff, Wales, Renju Unit, fit-tnax (12) ta' April elf disa' mija u hamsa u disghin (1995), u sehemu ghadda fuq uliedu u cioe' l-atturi Maria mizzewga Rapa, Antoinette mizzewga Grech, Gloria mizzewga Ward, Joseph Josephine mizzewga Abu Baker u Catherine mizzewga Tajul u Bernardette xebba, ahwa Cordina li jinsabu rapprezentati fil-kawza minn William Cutajar;

Illi Guditta gia mart Joseph Xerri mietet fit-tletin (30) ta' April elf disa' mija u disgha u sebghin (1979) - dokument XX, u wirtuha wliedha l-atturi Rosa armla ta' John Camilleri, u Rita armla ta' Eucharist Camilleri, Emanuela armla ta' Antonio Gauci li mietet f'Sydney l-Awstralja fis-sbatax (17) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002), Emanuel Xerri li miet fit-tmienja (8) ta' Frar elf disa' mija u disghin (1990) dokument YY, u Carmela gia mart Carmelo Grima gia msemmija aktar 'il fuq li mietet fi New South Wales, l-Awstralja, fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru elf disa' mija u disgha u disghin (1999) u b'testment li ghamlet fi

New South Wales, l-Awstralja, fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awissu elf disa' mija u sebgha u sebghin (1977) hija nnominat liz-zewg uliedha u cioe' l-konvenuti Joseph Grima u Mary mart Joseph Ruggier, kif debitament rapprezentati, fi kwoti ndaqs bejniethom;

Illi 'l fuq imsemmija Emanuela Gauci wirtuha wliedha l-atturi Michael, Joseph, Mary mizzewga Agius, Alfred, Carmelo sive Charles u Laurence sive Laurie, ahwa Gauci rapprezentati mill-attur Martin Xerri, filwaqt li lil Emanuel Xerri miet intestat u wirtuh skond il-ligi wliedu u cioe' l-atturi Carmela sive Lina armla ta' Carmelo Grima, Edward sive Teddie, Josephine mart Joseph Debono, Judith mart Peter Camilleri, Victor, Martin, Tanya mart Joseph Vella u Loreta mart Consiglio Farrugia, ilkoll ahwa Xerri.

Illi Lucia gia mart Salvatore Mifsud, bint ohra tal-fuq imsemmija Lorenzo u Maria gia konjugi Galea, mietet fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar elf disa' mija u disgha (1909) - certfikat tal-mewt u certifikati ta' ricerka dwar testmenti pubblici u sigrieti annessi u markati rispettivament Z, ZZ u ZZ1, u wirtuha wliedha sopravissuti Loreto, u Maria Dolores gia mart Francesco Gauci, ahwa Mifsud, billi bint ohra ta' l-imsemmija Lucia Mifsud, u cioe' Carmela Mifsud mietet improle qabilha;

Illi l-imsemmi Loreto Mifsud miet fis-sitta (6) ta' Jannar elf disa' mija u wiehed u tletin (1931) - dokuemnt AA1, u wirtuh t-tliet uliedu Lawrence, Antonia xebba u Carmela gia mart Giuseppe Buttigieg, ahwa Mifsud;

Illi l-imsemmi Lawrence Mifsud miet guvni, intestat u improle fil-ghoxrin (20) ta' Awissu elf disa' mija u sebgha u sittin (1967) - dokument BB1 u wirtuh hutu germani Antonia Mifusd u Carmela Buttigieg;

Illi l-imsemmija Antonia Mifsud mietet xebba u improle fil-erbgha u ghoxrin (24) ta' Farr elf disa' mija u disgha u sebghin (1979) - dokument CC1 u b'testment li ghamlet fl-atti tan-Nutar Antonio Galea tal-hmistax (15) ta' Gunju elf disa' mija u sebgha u sebghin (1977) - dokument

DD1, hija nnominat bhala eredi universali taghha lill-attrici Mary Gauci;

Illi ftit wara l-mewt ta’ Antonia Mifsud, mietet ohtha l-ohra u cioe’ Carmela armla ta’ Giuseppe Buttigeig fil-hamsa (5) ta’ Marzu elf disa’ mija u disgha u sebghin (1979) - dokument EE1 u bhal ohtha Antonia hija regolat is-successjoni taghha b’testment li sar ukoll fl-atti tan-Nutar Antonio Galea ta’ l-istess gurnata tal-hmistax (15) ta’ Gunju elf disa’ mija u sebgha u sebghin (1977) - dokument FF1, u li permezz tieghu hija nnominat bhala eredi universali taghha lill-attrici Mary Gauci;

Illi ‘il fuq imsemmija Dolores gia mart Francesco Gauci, bint ohra ta’ Lucia Mifsud nee’ Galea, mietet fit-tmienja (8) ta’ Jannar elf disa’ mija u tlieta u tletin (1933) - dokument GG1, u wirtuha wliedha sopravissuti Loreta, Carmela, Giuseppe, Lorenza gia mart Michael Galea u Antonio ahwa Gauci, billi bintha ohra Lucia Gauci mietet qabilha fl-eta ta’ xahrejn fil-hmistax (15) ta’ Dicembru elf disa’ mija u hdax (1911) - dokument HH1;

Illi Giuseppe Gauci li jigi missier l-attrici Mary Gauci miet fl-esteru Renju Unit fis-sena 1962, u wirtuh uliedu l-atturi u cioe’ Mary xebba, Joseph, Frank, Charles, Michael, Sam, Tony, Gloria u Doris;

Illi Antonio Galea li kien l-uniku iben tal-mejta Lorenza Galea nee’ Gauci miet improle fit-tmienja (8) ta’ Frar elf disa’ mija u sebgha u disghin (1997) - dokument II1 u rregola s-successjoni tieghu b’testment li ghamel fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tat-tmintax (18) ta’ April elf disa’ mija u sitta u disghin (1996) - dokument JJ1, li permezz tieghu nnomina bhala eredi universali tieghu lill-konvenut Reverendu Dun Tarcisio Attard, lill-atturi Mary Gauci u Carmelo Azzopardi u lill-Opri Missjunarji Pontificji fi kwoti ta’ kwart indiviz kull wiehed pero’ bil-kundizzjoni li l-flus jigu percepiti minn dik il-missjoni bil-mod kif jirrakkomanda l-ezekutur testamentarju l-istess konvenut Reverendu Dun Tarcisio Attard;

Illi ‘l fuq imsemmija Loreta, Carmela, u Antonio ahwa Gauci, ulied Lucia Gauci nee’ Mifsud huma mejta l-eredi taghhom m’humiex maghrufa hlief ghal Lucia armla ta’ gio Maria Farrugia, li tigi bint Carmeal, u ghaldaqstant kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni qed jintalab li jinhatar kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-eredita’ gjacenti ta’ l-imsemmija tliet ahwa Gauci;

Illi l-uniku assi li jirrizulta gjacenti mill-eredita’ tal-fuq imsemmija Lorenzo Galea u Maria nee’ Seichel huwa l-fond markat bin-numru mija u tlieta u ghoxrin (123) u mija u erbgha u ghoxrin (124) fi Triq Hamri, Ghajnsielem, liema fond huwa ppossedut indivizament bejn il-partijiet fis-segwenti kwoti:

i. l-atturi Grazio Galea u Adeodata, Grace, Aloisia, u Vincenza, xebbiet, Mary mart Carmelo Galea, Lawrence, Godfrey u Patri Cherubin fis-seklu Romeo, ahwa Galea l-kwota ta’ zewg settimi (2/7) partijiet indivizi bejniethom;

ii. l-atturi Loreto u Joseph ahwa Galea l-kwota ta’ zewg partijiet minn wiehed u ghoxrin partijiet indivizi (2/21) bejniethom;

iii. l-atturi Rosa Cutajar, Carmela Buttigieg u Loreta Borg il-kwota ta’ parti minn tnejn u erbghin partijiet (1/42) indivizi kull wahda minnhom;

iv. l-atturi Maria mizzewga Rapa, Antoinette mizzewga Grech, Gloria mizzewga Ward, Joseph, Josephine mizzewga Abu Baker u Catherine mizzewga Tajul u Bernardette xebba, ahwa Cordina ulied il-mejta Maria Cordina l-kwota ta’ parti minn tnejn u erbghin partijiet (1/42) indivizi bejniethom;

v. l-atturi Rosa Camilleri u Rita Camilleri l-kwota ta’ zewg partijiet minn mija u hames partijiet (2/105) indivizi kull wiehed;

vi. l-atturi Michael, Joseph, Mary Agius, Alfred, Carmelo sive Charles u Laurence sive Laurie,

ahwa Gauci ulied il-mejta Emanuela Gauci l-kwota ta' zewg partijiet minn mija u hames partijiet (2/105) indivizi bejniethom;

vii. l-atturi Carmela sive Lina armla ta' Carmelo Grima, Edward sive Teddie, Josephine mart Joseph Debono, Judith mart Peter Camilleri, Victor, Martin, Tanya mart Joseph Vella u Loreta mart Consiglio Farrugia, ahwa Xerri ulied il-mejjet Emanuel il-kwota ta' zewg partijiet minn mija u hames partijiet (2/105) indivizi bejniethom;

viii. l-attrici Mary Gauci l-kwota ta' mija u tlieta u disghin partijiet minn elf mitejn u sittin partijiet (193/1260) indivizi;

ix. l-atturi Joseph, Frank,Charles, Michael, Sam, Tony, Gloria, u Doris, ahwa Gauci ulied il-mejjet Giuseppe l-kwota ta' tmien partijiet minn tliet mija u hmistax-il partijiet (8/315) indivizi bejniethom;

x. l-attur Carmelo Azzoaprdi l-kwota ta' parti minn mija u erbghin partijiet (1/140) indivizi;

xi. il-konvenuti Maria Ruggier u Joseph Xerri l-kwota ta' sbatax-il partijiet minn mija u hames partijiet (17/105) indivizi bejniethom;

xii. il-kovenut Reverendu Dun Tarcisio Attard il-kwota ta' parti minn mija u erbghin partijiet (1/140) indivizi;

xiii. l-Opri Missjunarji Pontifici l-kwota ta' parti minn mija u erbghin partijiet (1/140) indivizi;

xiv. il-wirt gjacenti ta' Loreta Gauci l-kwota ta' parti minn hamsa u tletin partijiet (1/35) indivizi;

xv. il-wirt gjacenti ta' Carmela Gauci l-kwota ta' parti minn hamsa u tletin partijiet (1/35) indivizi;

xvi. il-wirt gjacenti ta’ Antonio Gauci l-kwota ta’ parti minn hamsa u tletin partijiet (1/35) indivizi;

Illi billi l-atturi jridu s-sehem taghhom minn dan il-fond u stante li ma huwiex komodament divizibbli bejn il-partijiet.

Illi bi qbil bejn il-partijeit gie istitwita din il-kawza ai termini tal-verbal tat-28 ta’ Frar 2003 fl-atti tal-kawza fl-ismijiet: “Reverendu Dun Tarcisio Attard noe vs Joseph Galea et” [Citazzjoni numru 193/2000];

Talbu li din l-Onorabbli Qorti;

1. Tinnomina perit arkitett sabiex jaghmel stima tal-fond fuq deskritt proprjeta’ ndiviza tal-partijiet.

2. Wara li ssir din l-istima, tordna l-bejgh in licitazzjoni ta’ l-istess fond u r-rikavat jigi spartit bejn il-partijiet fil-kwoti fuq indikati.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsabu mharkin.

Rat id-dikjarazzjoni debitament guramentata annessa l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti.

Rat id-digriet taghha (folio 107) fejn gie nominat l-Avukat Dr Chris Said kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-wirt gjacenti ta’ Loreta Gauci u Antonio Gauci fl-atti tac-citazzjoni u l-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Avukat Dottor Chris Said fil-kwalita’ tieghu premessa fejn eccepixxa:

1. illi huwa m’huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dun Tarcisio Attard f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-imsefrin Maria mart Joseph Ruggier, u Joseph ahwa Xerri, kif ukoll fil-kwalita' tieghu ta' esekutur testamentarju tal-mejjet Antonio Galea fejn eccepixxa:

1. illi huwa ma jopponix t-talba ghal-licitazzjoni tal-fond de quo, pero' l-kwoti ndikati mill-atturi ma humiex korretti, u ghalhekk dawn il-kwoti jehtieg illi jigu korretti kif jinsab indikat fir-rendikont tal-kwoti illi jinsab hawn anness bhala TA1;

2. illi b'mod partikolari jigi senjalat il-fatt illi skond l-atturi meta mietet Regina Galea, xebba, intestata u improle, lil din wirtuha skond il-ligi il-partijiet fil-kawza. In effetti mhux il-partijiet kollha fil-kawza wirtu xi sehem minghand Regina Galea. Skond l-artikolu 815 tal-Kodici Civili s-sehem taghha waqa' fuq l-eqreb qrabat kollaterali ad eskluzzjoni tad-dixxendenti l-ohra kollha ta' qrabat fl-istess grad illi kienu mietu qabilha. Fi kliem iehor wirtu biss il-kugini taghha li kienu ghadhom hajjin fl-epoka tal-mewt taghha. Jirrizulta illi l-unika kugina sopravissuta f'dak iz-zmien kienet Judith Xerri illi allura wirtet il-kwota kollha hija.

3. Hekk ukoll meta miet Patri Hugh, guvni, improle u intestat fit-termini ta' l-istess disposizzjonijiet tal-ligi wirtuh l-eqreb qrabat tieghu sopravvisuti dakinhar u cioe' l-kugini tieghu Grazio Galea, Adeodata, Grace, Aloisia, Vincenza, Mary Cutajar, Patri Cehrubin, Loreto, Joseph, Rose Cutajar, Carmela Buttigieg, Loreta Borg, Joseph, Rose Camilleri, Rita Camilleri, Emanuela Gauci, Carmela Grima.

4. Illi finalment u ghall-korrettezza jigi precizat illi Loreta, Carmela u Antonio Gauci illi l-eredita' taghhom hija gjacenti ma humiex ulied Lucia Gauci nee' Mifsud ben" si ulied Maria Dolores Gauci bint Salvu Mifsud u Lucia nee' Galea u ghalhekk il-premessi u d-dikjrazzjoni tal-fatti ghandhom jigu korretti f'dan is-sens.

5. Illi dan kollu qieghed jinghad a bazi ta' l-informazzjoni supplita mill-atturi stess fic-citazzjoni, u ghalhekk jekk jirrizulta xi testment jew xi att pubbliku iehor illi permezz tieghu xi persuna tkun hadet il-voti solenni (partikolarment Patri Hugh u Patri Cherubin) jista' jkun hemm lok illi dawn il-kwoti kollha jigu riveduti.

6. Salvi ecezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti guramentata, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi.

Rat il-verbal taghha (folio 119) fejn gie nominat l-AIC Joseph Mizzi sabiex jistma l-immobbli meritu l-kawza u l-konsegwenti rapport u stima tieghu (folio 119).

Rat il-verbal ta' l-Avukat Mario Scerri (folio 139).

Rat in-nota ta' cessjoni ta' l-atturi (folio 145) fil-konfront tal-konvenuti hemm imsemmija.

Rat ir-rikors u kontestwali nota tal-partijiet kollha (folio 148).

Rat l-atti u dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Din hija kawza li fiha l-atturi qeghdin jitolbu prevja stima ta' perit arkitett, li jigi licitat il-fond 123/124 Triq Hamri, Ghajnsielem.

Hu ndubitat li dan il-fond jikkostitwixxi illum l-uniku assi appartenenti lill-konjugi Lorenzo Galea u Maria nee' Seychell li mietu rispettivament fis-17 ta' Jannar 1874 u 16 ta' Mejju 1901 li minghandhom il-fond ipprevjena lill-kontendenti.

Mid-dokument KK1, folio 101, jirrizulta l-interess f'dawk mill-kontendenti fil-fond in kwistjoni li fir-rigward taghhom ghamlu nota konguntiva li minn dak li setghet ikkonstatat din il-Qorti hija korretta. Apparti dan il-perit tekniku irrelata

kif jirrizulta folio 139 u m'hemm l-ebda dubbju illi l-fond mhux kommodament divizibbli minhabba n-numru konsiderevoli ta' komproprjetarji.

Tiddisponi ghalhekk mill-kawza billi prevja li tilqa' t-tieni talba tordna l-bejgh in licitazzjoni ta' l-immobbli 123/124 Triq Hamri, Ghajnsielem, bir-rikavat li jigi spartit bejn u skond is-sehmijiet kif indikati fid-dok GC folio 150.

L-ispejjez jithalsu minn kull wiehed u wahda mill-kondividenti skond il-kwota rispettiva taghhom.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------